II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Frar 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu

(2008/180/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 170 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu ("Il-Ftehim").

(2) Bil-possibbiltà li jkun konkluż aktar tard, il-Ftehim li ntlaħaq fl-4 ta' Marzu 2004 ġie iffirmat fil-21 ta' Ġunju, b'applikazzjoni proviżjonali li daħlet fis-seħħ mal-firma tiegħu.

(3) Il-Ftehim huwa msejjes fuq il-prinċipji tal-benefiċċju reċiproku, l-opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għall-programmi u l-attivitajiet ta' xulxin li jkunu rilevanti għall-għan tal-Ftehim, il-ħelsien mid-diskriminazzjoni, il-protezzjoni effettiva tal-proprjetà intellettwali, u l-qsim ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti ta' l-entitajiet legali stabbiliti fir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu se tkun soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-entitajiet legali f'pajjiżi terzi, stabbiliti b'deċiżjoni meħuda mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skond l-Artikolu 167 tat-Trattat, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2] u leġiżlazzjoni oħra applikabbli.

(4) Il-Ftehim għandu jkun konkluż b'tali mod li l-lingwi ta' l-Istati Membri kollha jkunu awtentiċi. Dan isir permezz ta' skambju ta' ittri.

(5) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu [3] b'dan qed jiġi approvat f'isem il-Komunità.

[1] Opinjoni tad-29 ta' Novembru 2007 (mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

[3] ĠU L 182, 13.7.2005, p. 12.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill f'isem il-Komunità għandu jagħti n-notifika pprovduta fl-Artikolu 7 tal-Ftehim u għandu jkun awtorizzat li japprova mar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, permezz ta' skambju ta' ittri, li t-test tal-Ftehim huwa awtentiku fil-lingwi kollha ta' l-Istati Membri wara l-adeżjonijiet ta' l-2004 u ta' l-2007.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
A. VIZJAK